Kunsill Lokali Marsaskala
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

ID-DISA` LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30

L-Erbgħa 23 ta' Settembru 2026.

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-5.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

PREZENTI:

Mario Calleja – Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Jesmond Attard - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREZENTI:

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

- Qabel ma bdiet il-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv spjega illi għandna problema teknika u il-laqgħa mhux qed tiġi *streamed* online però qed tirrekordja u ser intellawa fuq il-website. Huwa staqsa jekk hemmx xi Kunsilliera li ma jaqblux.

  Il-Kunsilliera wieġbu li niproċedu bil-laqgħa u jitella r-*recording* u ittelet post fuq *facebook* sabiex jiġu nfurmati r-residenti.

30.1 ***Qari t'aploġija:***

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

30.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 29 li saret Nhar il-Ħamis 20 t'Awwissu 2026***

30.2.1 **Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 29 li saret Nhar il-Ħamis 20 ta' Awwissu 2026:**

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li hemm kunjomu imniżżel ħażin f'artiklu 29.2.6 u 29.2.2.4 u għandu jinbidel f'Cutajar.

Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ipropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 11 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

30.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 29 li saret Nhar il-Ħamis 20 ta' Awwissu 2026:**

30.2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela staqsa fuq paġna 3 paragrafu 29.2.2.6 jekk għandiex xi risposta fuq it-*traffic management* ta' Bellavista.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-Perit għaddilna l-pjanti u għaddejnijhom lil Transport Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Jemsond Abela ġibed l-attenzjoni illi t-traffic lights ta' ħdejn l-Inspire għada mdawra u anke l-lights ta' ħdejn il-wasterserv maqlugħa.

30.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 3 paragrafu 29.2.2.5 jekk twaħlux l-aċċessorji fil-latrina ta' taħt il-knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkja u qall li ser jitwaħlu il-ġimgħa d-dieħla.

30.2.2.3 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 4 paragrafu 29.2.2.9 rigward l-*isleeping policeman* ta ħdejn l-iskola fi Triq il-Lampuka fiex waslet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bagħtna lil Perit u ser nerġu ngħamlulu *reminders*.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celina Camilleri talbet biex titnaddaf ukoll l-area għaliex jkun hemm ħafna ħmieġ tal-annimali.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li hemmek tnaddfet milhux bil-*power wash*.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li fi Triq id-Dugħ hemm waħda titma lil qtates u ma tnaddafx warajhom.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ser niċċekkjaw jekk hux *cat feeder* u nkelmuha.

30.2.2.4 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 5 paragrafu 29.2.2.14 fuq ir-rotta 191.

Is-Sindku qal li kellem lil Sur Ivan Pierre Vella u anke bgħatna *reminders.*

30.2.2.5 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 7 paragrafu 29.3.10 staqsiet jekk kellimniex lil Project Green biex issir *charging pillars* ħdejn il-wasteserv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bgħatnilhom.

30.3 ***Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

30.3.1 **Minuti tal-laqgħa li saret fil-31 t'Awwissu Kunsill, Marsaskala Moorings Community u Għaqda baħħara sajjieda u dilettanti Wied il-Għajn.**

Is-Sindku spjega lil flimkien ma diversi kunsilliera attendew għal din il-laqgħa u ġew preżentati l-minuti. Liema kundizzjonijiet huma imniżżla fil-minuti li bgħatet l-għaqda.

Saret telefonata lis-Sur Paul Brincat għaliex għamel addenda mal-kundizzjoniet pero ma kienetx iminżla. Dawn huma il-kundizzjoniet:

1. Dgħajjes jistgħu jitħallew fuq is-Simenta bejn is-16 ta' Settembru u l-14 ta' Ġunju ta' kull sena. Mill15 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru is-Simenta trid tkun żgombrata mid-dgħajjes u karrijiet kollha.
2. Parkeġġjar ta' dgħajjes fuq is-Simenta huwa permess biss għal dawk is-siden tad-dgħajjes li għandhom irmiġġ registrat ma' TM f'Marsaskala jew li għandhom evidenza li qiegħdin fuq il-waiting list ta' TM, kif ukoll dawk li huma residenti Marsaskala. Postijiet ikunu allokati fuq bażi "first come first served".
3. Kull min iħammeġ irid inaddaf warajh.
4. Il-karrijiet bid-dgħajjes fuqhom għandhom jibqgħu fuq ir-roti biex ikunu jistgħu jiċċaqalqu f'każ ta' emerġenza jew bżonn ieħor. Ma jistgħux jittellgħu fuq knaten.
5. Karrijiet vojti ma jistgħux jitħallew fuq is-Simenta.
6. Il-karrijiet għandhom jinżammu ndaf u miżbugħin u jkollom miktub fuqhom in-numru tad-dgħajsa u l-baga.
7. Yachts għandhom ikunu pparkjati in-naħa tal-baħar. Is-sidien għandhom jaċċertaw li ma jħallux ħbula tal-qlugħ iperpru mar-raħ u jagħmlu ħsejjes.
8. Batteriji jkunu skunetjati u extention cables ma jistgħux jitħallew konettajati mas-service units meta ma jkun hemm ħadd fuq id-dgħajes.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq punt nru 2 permezz ta telefonata li saret lis-Sur Paul Brincat u u staqseit x'evidenza qed jitolbu minn TM peress li ma jtuhom xejn meta japplikaw għal mooring.

Is-Sur Paul Brincat qal li qed juruwhom il-kopja tal-applikazzjoni u ikkonferma li għal Marsaskala biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk hemmx bżonn issir xi ħaġa mill-Kunsill.

Is-Sindku wieġbu li le.

Il-Kunsill qabel unanimament ma dawn il-kundizzjonijiet.

30.3.2 **Laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing Department.**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Direttur ġenerali tal-Cleansing. Huwa qal li bgħatulna *mechanical sweeper* ġdida kif ukoll karretta għall-kenniesa li taħdem bil-batterija ukoll. Huwa spjega li ser jinħoloq tipo ta *region supervisor* fuq is-supervisor li għadna u anke tkellmu fuq il-hot spots u l-possibilita illi l-ġbir ta skart jaqa ukoll taħt il-cleansing. Huwa qal ukoll li qed jaħdmu sabiex jiżguraw li meta jkun hemm ħaddiem nieqes jintbgħat ħaddieħor floku.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet importanti li meta jaqta l-ħaxix jiġbru u mhux iħallih gzuz, hija qalet li importatni li jkun hemm dixxiplina.

30.3.3 **Tweġiba rigward il-Bus shelters**

30.3.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ħejja risposta li qraha lil Kunsilliera preżenti:

Il-kunsill lokali ta' Marsaskala jirreferi għal kummenti li ntqalu u nkitbu riċentament fil-midja socjali minn resident fir-rigward ta' bus shelters u meter tad-dawl tal-istess bus shelters li jinstabu fi Triq ix-Xatt u Pjazza Dun Tarcis Agius Il-kunsill lokali ta' Marsaskala jixtieq jiċċara il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' dawn l-allegazzjonijiet b'dan li gej:

Il-progett ta' Rigenerazzjoni tax-Xatt ta' Marsaskala qiegħed isir biss minn Infrastructure Malta li ħarget l-istruzzjonijiet u speċifikazzjonijiet tax-xogħol lid-diversi kuntratturi mqassma max-Xatt. Ix-xogħol kollu matul il-*promenade* li jinvolvi arbli tad-dawl, bankijiet, *litter bins*, culverts, tarmac ta-toroq, tibdil ta *belisha crossings*, resurfacing tat-toroq mal-istess promenade ecc ecc qed jitwettaq kollu minn Infrastructure Malta u qed jigi ssorveljat kontinwament minn Periti u nies tekniċi tal-istess Infrastructure Malta. Finalment Infrastructure Malta bħala l-*Contracting Authority* tkun qed tiċċertifika li x-xogħol sar skond l-ispeċifikazzjonijiet tagħha stess. Kwalunkwe nuqqas jew difett li jirriżulta minn dan il-proġett għandu jiġi indirizzat minn Infrastructure Malta liema Awtorita apparti l-kuntratturi tagħha tkun qed tikkordina x-xogħol ma bosta entitajiet oħra bħalma huma Enemalta u Faces Consultants li huwa s-sid ta l fuq minn 400 bus shelter f'Malta u Għawdex. Jeżisti kuntratt bejn Faces u Lands Dept fejn il-*bus shelters* jibqgħu propjeta privata imma jeħlu fuq art tal-gvern bil-kundizzjonijiet stipolati fil-kuntratt.

Is-sid tal-*bus shelters* kien ġie nfurmat minn qabel Jannar 2026 rigward il-bżonn li jinqalgħu l-*bus shelters* biex jerggħu jitwaħħlu wara li jitlesta il-proġett. Is-sid ta' Faces Consultants ċempilli riċentament fis-16 jew 17 ta Settembru 2026 u qalli li kemm il-*bus shelters* kif ukoll il-meters tad-dawl taghhom huma propjeta tiegħu u li huwa pjenament responsabbli għalihom. Ma ħax pjaċir assolutament li sar dibatittu sħiħ fuqhom kemm fil-kunsill u fuq midja socjali. Huwa kien issottometta l-applikazzjonijiet mil-bidu nett għat tneħħija tal-meters mal-Enemalta u allura din hija kwistjoni bejnu u Enemalta filwaqt li ċċara li problema b'meter wieħed hemm minn tiegħu u mhux aktar u li huwa rasu mistrieħa għaliex l-applikazzjoni lil Enemalta kienet ilha li ġiet sottomessa u li soluzzjoni se tinstab.

It-tneħħija u r-reinstallazjoni tal-istess *bus shelter* u meters tad-dawl hija responsabbilta tal-propjetarju li huwa Faces Consultants li min-naħa tiegħu jikkordina bejn Enemalta u f'dan il-każ I Malta li qed taghmel il-proġett minħabba timelines.

Il-laqgħa li konna semmejna waqt is-seduta tal-kunsill li kellha issir saret peress li l-kunsill jagħti rendikont ta' x'ġara fis-seduta ta' wara. Il-laqgħa saret bejn nies tekniċi minn Infrastructure Malta u Faces Consultants biex jiddiskutu it twaħħil tal-istess *bus shelters*. Ghal din il-laqgħa kien mistieden il-kunsill u attenda l-Kunsillier is-Sur Francis Gilford li se jagħti iktar dettalji .

Wara din is-seduta nies tekniċi ta' IMalta u Faces Consultants baqgħu jikkorispondu fir-rigwrad tat-twaħħil tal-istess *bus shelters* biex isolvu problem zgħar tekniċi ta bejnietom.

Għaldaqstant il-kunsill lokali ta' Marsaskala iċċara il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-kwistjonijiet ta dawn il-*bus shelters* u il-meter relatat magħhom.

30.3.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li laqgħa saret fis-26 ta' Awwissu filgħodu. Huwa spjega illi l-bus shelter li kien hemm faċċata tal-Lemon n Lime fi Triq ix-Xatt ser jerġa jeħel kif kien maċ-ċint u ser issir bażi għalih. Huwa qal li kien hemm diskussjoni li l-bushelter jkun bis-solar però jrid jiġi verifikat il-kuntratt li għandhom Faces Consultants.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li fir-rigward dak ta' Pjazza Dun Tarċis Aguis ta' ħdejn il-banka tal-lottu ser jitressaq metru għaliex hemm arblu tad-dawl.

Is-Sindku qal illi l-bus shelter tat tarf ta triq Sant Anna ħdejn il-mużew tal-bniet dak ser isir minn Infrastructure Malta għaliex dak mhux ta' Faces Consultants.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li inqala ukoll il-bus shelter ta Triq is-Salini.

30.3.3.3 Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li tajjeb li saru dawn il-laqgħat u l-Kunsill kien infurmat x'kien ser jiġri inkluż l-issue tal-metre tad-dawl li ħarġet fis-social media, għaliex waqt l-aħħar seduta tal-Kunsill meta ġiet diskussa l-Kunsill ma kellux informazzjoni dwaru u huwa tal-fehma illi l-kuntrattur ma kellhux għalfejn ma jieħu gost li ġeit diskussa fil-kunsill għaliex la l-Kunsilli ma kellhux informazzjoni, il-kunsilli kellhu dritt li jidiskutija u ma jħosx li l-Kunsill żbalja li jiddiskutija. Huwa qal illi anke fuq proġetti futuri l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti jekk ikunx proġett tal-Kunsill jew le u b'kull informazzjoni li jkollna għaliex l-ewwel entita li r-residenti ser jistaqsu huwa l-Kunsill.

30.3.3.4 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li hija tal-istess opinjoni illi l-Kunsill kellhu l-obilgu li jiddiskuti din il-materja fl-aħħar seduta u ma tħosx illi l-kuntrattur kellhu jiffastidjixi ruħu.

Is-Sindku qal għalhekk huwa tajjeb li nkomplu bil-policy li kellhom illi bħala kunsilliera ma nirrispondux fuq paġni ta' minn jitfa ċertu post fuq *facebook* imma jiddiskutuwa bejithom fic-chat.

Id-diskusjoni tkompliet fuq ix-xogħol li qed jsir u anke id-dewmien tax-xogħol.

Kien hemm qbil li staqrija fuq dan is-suġġett fuq *facebook* u tiġi ċirkolata bejn il-Kunsilliera qabel.

30.3.4 **SPI/SCI/07/2026 Finanzjament attivitajiet kulturali annwali 2027**

Is-Sindku preżenta din l-applikazzjoni sabiex isir Milied Skaliz 2027 fid-dati 3,4 u 5 ta' Diċembru 2027 bil-budget ta' €21,400.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon qalet jekk is-sena d-dieħla toħroġ skema speċifika għal-Milied, nitolbu sabiex din l-iskema tinqaleb għal Festa Tonn għaliex mhux issir iktar mil-Ministeru.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema però jekk is-sena id-dieħla toħroġ skema speċifika għal-Milied din l-iskema nitolbu sabiex din l-applikazzjoni tinbidel għal Festa Tonn

Kien hemm diskussjoni ukoll minn ha jkun parti mill-bord għal Milied Skaliz 2026.

30.3.5 **Car damages ACN739**

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri iddikjarat konflitt ta interess u ħarġet mill-laqgħa.

Il-Kunsill qabel li jitħallas 70% ta' €69.99

30.3.6 **Animal Welfare funds**

Kien hemm qbil li nallokaw €3000 għal tiswija ta' qtates stray u provista t'ikel lil *cat feeders.*

30.3.7 **Diskussjoni ta ariklu 57.6 mil-laqgha tar-Regjun (35/3099/26/I)**

Is-Sindku beda biex jspjega illi waqt il-laqgħa li kellu ir-regjun iddiskutew fuq il-kuntratt tal-iskart fejn għad fadallu madwar sena u nofs sabiex jingħalaqu iż-żmien u għandhom żewġ options jew jaslu f'arranġament mal-kuntrattur preżenti illi jiġġedded il-kuntratt għal tlett snin oħra bl-istess ammont jew inkella tinħareġ sejħa oħra.

Is-Sindku spjega illi għalhekk iddiskutew dan is-suġġett huwa qalilhom illi jrid jippreżenta l-proposta fil-Kunsill u tittieħed deċiżjoni. Huwa kompla jispjega illi wara is-seduta li attenda hu kien hemm seduta oħra tar-Reġjun fejn attenda il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u għalkemm il-Kunsillier Charlot Mifsud ma ħax deċiżjoni ,ir-Reġju infurmawh illi ħadu deċiżjoni illi kuntratt jiġi mġedded.

Kien hemm diskussjoni jekk il-problema hux il-kuntrattur jew l-iskeda tal-iskart.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa lis-Sindku x'inhi l-opinjoni tal-Kunsilli l-oħra jekk hux l-iskeda jew il-kuntrattur.

Is-Sindku wieġbu li l-problema tal-maġġor parti tal-Kunsill hija l-iskeda. Huwa kompla jgħid illi jekk jiġġedded il-kuntratt għandhom jsiru kundizzjonijiet oħra. Huwa ġab eżempju li jekk ikun hemm borża f'kantuniera ma tinġabarx għax ma tkunx quddiem residenza.

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-kundizzjonijiet tat-tender kif ukoll l-problemi li niltaqgħu magħhom speċjalment in-naħa tar-ramla ħdejn il-boathouses.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk inkun tender ġdid jew imġedded il-boroż li ma jinġabrux għandhom jiġabru. Huwa kompla jgħid li d-direttur ġenerali ġibdilhom l-attenzjoni illi din is-sena inġabar ħafna skart min-naħa tar-ramla u fi ġranet li mhux suppost u nfurmahom illi s-sena id-dieħla trid tiġi irrenġata l-problema.

Il-Kunsill saħaq fuq l-importanza tal-infurzaw sabiex jiġi kontrollat l-iskart li ħareġ barra l-iskeda

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt ma jiġġediedx u l-ispeċifikazjonijiet tal-kuntratt għandhom jiġu diskussi qabel ma tinħareġ sejħa għall-offerti oħra.

- ***Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ħareġ mil-laqgħa fis-6.10pm.***

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-problema li jinġabar iż-żiebel li jinħareġ barra l-ġurnata għaliex ser nispiċċaw in-nies jidraw iktar joħorġu l-iskart mhux skond l-iskeda.

30.3.8 **Request for report (35/3118/26/O)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad hemm nuqqasijiet x'jridu jiġu ndirizzati fuq il-binja tal-Kunsill, il-Perit kien kiteb lil kuntrattur u l-kuntrattur wieġeb imma l-Perit għadu ma weġibiex u huwa għadu responsabli.

30.3.9 **Opportunitajiet Ewropej għall-Artiġjanat Malti-Laqgħa ta informazzjoni fid-9 t'Ottubru:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qali li ser ssir laqgħa fis-9 ta' Otturbu għal nies li jaħdmu l-artiġjanat u talbuna sabiex nipromwovu din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel li ntellgħuha fuq facebook.

30.3.10 **Sleeping Policeman fi Triq La Sengle:**

Is-Sindku qal li hemm blokka flats fejn hemm l-isleeping policeman fit-tarf ta' Triq La Sengle u talbu sabiex titneħħa.

Peress li din l-isleeping policeman intalbet wara li saret petizzjoni mir-residenti u nġabu l-permessi kollha neċessarji , l-Kunsill qabel sabiex tiġi diskussa u ikkonsidrata għanda issir petizzjoni min-naħa tar-residenti biex titneħħa.

30.3.11 Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mal-Periti tal-Enemalta u WSC kif ukoll mal-IM flimkien mal-kuntratturi rigward Triq Blajjiet, Gebel Hanxul, Zonqor Santa Maria, Blajjiet, Katakombi u Gidwet.

30.3.12 Is-Sindku qal li laqgħa mas-sinjura Antonella Debono social worker biex jinġieb persuna u jagħmel xoghol fil-komunita wara li sentenza tiegħu tkun siegħat ta xogħol fil-komunita.

30.3.13 Is-Sindku irringrazzja lil ħaddiema tal-Kunsill Claire u Rebecca tax-xogħol li għamlu sabiex issir din l-AGM Douzelage fejn kien hemm ħafna preparamenti x'jsiru. Irringrazzja ukoll lil Kunsilliera Charlot Minfsud, Celine Camilleri, Jesmond Abela u Jesmond Attard kif ukoll Francis Gilfors u Beverley Saliba tal-għajnuna tagħhom. Irringrazzja ukoll lil Joy li ħadu ħsieb iż-żgħażagħ barranin, Peter Paul Zammit li pparteċipaw fl-edukazjoni, kif ukoll Roberto Cassar u l-Grace Calleja u Josette Spiteri ikkordinaw ukoll t-transport. Huwa qal li dan l-AGM kien ta suċċess u kellhom tifħir min-naħa tar-rapreżentanti.

30.3.14 Is-Sindku qal li l-Ħadd 6 ta' Settembru ċċelebraw Jum il-lokalita fejn saret quddies ta' ringrazzjament filgħodu, u l-Kunsill għadda xi xirjiet waqt l-offerti wkoll. Wara sar tberik tal-annimali u eventwalment tqasmu xi rikonoxximeni l-persuni li jkun taw kontribut fil-lokal. L-Unur Ġieħ Marsaskala ingħata lill-eks kunsillier John Baptist Camilleri li llum ġie elett fil-Parlament.

30.3.15 Is-Sindku qal li wara ftehim mal-TZRA Tourism Zone s Regenartion Agency xtraw l-materjal u l-ħaddiema għamlu xogħol u tisbieh fi Ġnien Chales Clews, kif ukoll din il-ġimgha wkoll bdew xogħolijiet fuq ħajt fejn tispicca l-Ex Jerma kif ukoll ser tinħoloq xi tip ta picnic area.

30.3.16 Is-Sindku qal li saret laqgħa ir-Ramla San Tumas flimkien mal-Kunsillier is-Sur Francis Gilford u residenti biex nissistemaw id-dgħajjes mitfughin bl-addoċċ.

30.3.17 Is-Sinku qal li attenda għal-laqgha informali tas-Sindki fil-Fortina Hotel fejn ġie diskuss l-iskart u preparaw għall-laqgħa li jmiss tas-Sindki gewwa GOZO fit-13 u 14 ta' Novembru li gej.

30.3.18 **Ġnien Charles Clew**

Is-Sindku qal li attenda l-qorti minħabba il-kwistjoni legali fuq Ġnien Charles Clews fejn wara li sar proġett mill-Kunsill bil-fondi tal-UIF, il-propretarju fis-sena 2020 talab kumpens lil Lands peress li l-art hija tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sindku sabiex meta jkollu seduta oħra jikkonsulta mal-Kunsillier Dr Errol Cutajar.

- ***Il-Viċi Sindku ħareġet mil-laqgħa fis-7.30pm***

30.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

30.4.1 **Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sinjorina Celine Camilleri (Nru 17):**

Nixtieq nistaqsi x'inhi r-raġuni li bħala amministrazzjoni tal-kunsill inkunu nafu li sa tinqala' triq, għax noħorġu l-permess, pero l-publiku ma jiġix infurmat. Din ġbidt l-attenzjoni fuqha ħafna drabi pero' s'issa waqgħet fuq widnejn torox.

Insemmi perezempju: Triq il-Katakombi, Triq Ġebel Ħanxul, Ta Gidwet etc.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier s-Sinjorina Celine Camilleri sabiex noqogħdu attenti kif nifformulaw id-diskors.

Il-Kunsilliera is-Sinjorina Celine Camilleri wieġbet li kienet miktuba kemxejn goffa.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li huwa mportanti li kien ikollna informazzjoni li daqt ser jibdew xi xogħolijiet fit-triq għanda ninfurmaw lir- residenti.

Kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv. Id-diskusjoni tkompliet għaliex dawn ikunu xogħol li joħroġ minn transport malta u meta jiġu l-Kunsill għan no parking jkollna informazzjoni li nkunu nistgħu intellawa fuq il-facebook

Kien hemm qbil dwar dan.

30.5 ***Rapporti:***

Ma kienx hemm rapport.

30.6 ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

30.7 ***Korrispondenza:***

30.7.1 **Illegal dumping Triq il-Granmastri**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa spjega illi din kienet l-istess sitwazzjoni fejn il-kuntrattur ma ġabarx il-borsa tal-iskart u lanqas tal-Cleansing u allura baqgħet hemm. Hemm bżonn tittieħed azzjoni dwar dan u tiġi ndirizzata.

30.7.2 **Estensjoni tal-hard standing area**

Din ġiet diskussa diġa

30.7.3 **Kommunikazzjoni zjara Vatikan**

Is-Segreatrju Eżekuttiv qal li din żjara organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għas-Sindki.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

30.7.4 **Responsabilitajiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsill qabel illi r-responsabiltajiet li kellhu l-eks Kunsilliers is-Sur John B Camilleri ser jkunu kif ġej:

Kunsillier is-Sur Jemsond Attard – Infrastruttura (Enerġija)
Kunsillier is-Sur Jesmond Abela – Integrazzjoni Soċjali
Kunsillier Francis - Gilford Qasam Marrittimu

Il-Kunsill qabel li din il-materja terġa tiġ mresqa fis-seduta li jmiss sabiex naraw li qedgħin mqasmin sew.

30.7.5 **Zjara f'Ruma Udjenza mal-Qdusija Tieghu l-Papa 20-22 ta' Ottubru 2026**

Din ġiet diskussa diġa

30.7.6 **Cir AKL 2026/055 Sejha ghal Espressjoni ta' Interess Smart City Expo World Congress barcelona 3-5- Novembru 2026**

Kien hemm qbil illi l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba ser tikkominka mas-Sur Mario Fava.

30.7.7 **Subject Invitation to Local Council Digital Lifestyls and AI for Active Citizens November 2026-MArch 2027**

Il-Kunsill qabel li ma jgħamielx dan il-kors għaliex ma għandiex post.

Is-Sindku qal li anke il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri kelmu u qed jikkomunika mal-Kappillan

30.8 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 30:***

30.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta' pagamenti li daħlu b'urġenza.

a) Is-Sinjura Doreen Mintoff inv 26031 li tammonta għal €1050.20
b) Avant Print inv no 4524 li tammonta għal €4622.06
c) Avant Print inv no 4525 li tammonta għal €348.10

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

30.9 ***Mozzjonijiet:***

30.9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Jesmond Attard u issekondat mis-Sindku (Nru 072-16/9/26):**

Nipproponi sabiex issir pedestrian crossing ġdida kif ġie propost minn ħafna residenti fi Triq il-Qaliet biswit Villa Sant'Anna għax qed ikun ta' periklu serju. Qiegħed nehmeż ritratt taż-żona li jindika l-post suġġerit.

Kien hemm qbil li napplikaw avolja li hemm waħda viċin ħafna.

30.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnjen 26 ta' Ottubru 2026 fil-5.00pm.

Ikkonfermat illum 23 ta' Settembru 2026.

IFFIRMAT

_____

Josef Grech
Segretarju Ezekuttiv

IFFIRMAT

_____

Mario Calleja
Sindku

Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 30 id-Disa Leġislatura.